**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 146/2011**

**Illum: 28 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Alistair David George Smith**
**(ID 27378A)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Alistair David George Smith ta' 22 sena, iben David Guy u Josephine nee` Zahra, imwieled Wales nhar it-23 ta' April 1988, residenti gewwa 147, 'Autumn Leaf', Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 27378A;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta' Settembru 2010, gewwa l-Imtarfa, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' mill-gdid il-provi kollha li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-13 ta' Settembru 2010, il-pulizija ezegwiet mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' certu Kenneth Micallef u fir-residenza tieghu, gewwa l-Kuncizzjoni, Rabat, instabu disa' pjanti tal-*cannabis* ta' qisien differenti u oggetti ohrajn relatati mad-droga. Waqt li l-pulizija kienet qeghda taghmel din it-tfittxija, giet innutata vettura tipparkja hdejn din ir-residenza li fiha kien hemm l-imputat odjern. Huwa gie mwaqqaf, saritlu tfittxija fuq il-persuna tieghu li rrizultat fin-negattiv, sussegwentement gie arrestat u saret tfittxija wkoll fir-residenza tieghu.

Waqt din it-tfittxija, fil-kamra tas-sodda tal-imputat instabet pjanta tal-*cannabis* u zewg boroz zghar b'sustanza suspettata *cannabis grass*, li skond l-Ispettur Jesmond

J. Borg, kellhom piz ta' cirka 3.6 grammi.[1] Minn tfittxija ulterjuri f'din ir-residenza, fil-kamra tas-sodda ta' hu l-imputat ossia certu Calum William Thomas Smith, ukoll instabet sustanza suspettata *cannabis grass.* Kemm l-imputat odjern, kif ukoll huh gew investigati. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Jesmond J. Borg jaghmel referenza ghal dak li jghid hu l-imputat fl-istqarrija tieghu ossia illi l-pakketti bil-*cannabis grass* kienu tieghu, li dawn kien qataghhom mill-pjanta ta' huh meta nduna li huh kellu din il-pjanta fil-kamra tieghu, li dan kien jaghmlu minghajr il-permess ta' huh ossia l-imputat odjern u li huh ma kienx jaf li huwa kien qed jehodlu minn din il-pjanta. L-istess Calum William Thomas Smith ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ma giet esebita s-sustanza li nstabet fil-pussess tieghu. L-Ispettur Borg fil-fatt, waqt ix-xhieda tieghu, esebixxa pakkett (Dok. JB2) li jghid li fih 3.6 grammi haxixa tal-*cannabis,* fir-rigward ta' liema pakkett, huwa jghid illi l-imputat kien ammetta li kien tieghu. Mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta illi meta huwa gie muri borza bil-haxixa li giet elevata lilu, huwa jikkonferma li kien huwa li qieghed il-weraq f'din il-borza. Fix-xhieda tieghu, PS 1086 Johann Micallef jikkonferma illi fil-kamra tas-sodda tal-imputat odjern instabet pjanta suspettata tal-*cannabis* u zewg boroz li kienu jikkontjenu xi weraq hodor. Jghid ukoll xi nstab fil-kamra ta' hu l-imputat.[2] L-istess jghidu fix-xhieda taghhom WPC 127 Carmen Gauci[3] u PC 213 Nikolai Borg[4] u x-xhud WPC 127 Carmen Gauci tikkonferma li Dok. JB2 esebit mill-Ispettur Borg jikkontjeni l-boroz tal-plastik bil-haxixa li nstabu fil-kamra tal-imputat odjern.

Fl-istqarrija tieghu, rilaxxjata minnu dakinhar stess tat-13 ta' Settembru 2010[5], l-imputat jghid kif huwa kabbar il-pjanta tal-*cannabis,* li din il-pjanta kienet ilha ghandu madwar xahrejn jew tlieta, li qabel qatt ma kien abbuza mid-droga, izda beda jiehu xi weraq minn din il-pjanta u li f'dawn il-gimghat, kien abbuza mill-pjanta tieghu biss. Jghid in oltre illi huwa qatt ma xtara droga u dejjem ha mill-pjanta tieghu. L-imputat innega li huh kien involut mieghu fit-tkabbir tal-pjanta u cahad li huwa kien ta lil huh minn din il-pjanta. Meta gie ssuggerit lilu illi huh kellu bicciet minn din il-pjanta, l-imputat wiegeb li "*Sinjal li hadli minnha. Pero` ma kontx jien li tajtu*"[6]. Jghid ukoll illi huwa kien jaghlaq il-bieb tal-kamra tieghu fejn kienet tinsab il-pjanta, izda mhux bic-cavetta. Jghid illi l-pjanta kienet ghalih, li minnha forsi ha cirka disa' sigaretti, u mistoqsi jekk huh kienx jaf li kien qed

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, a fol. 17 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 25 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 27 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 29 *et seq* tal-process.
[5] Din l-istqarrija li tinsab esebita a fol. 22 *et seq* tal-process, giet rilaxxjata mill-imputat wara li nghata s-solita twissija skond il-ligi u wara li skond ix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, huwa rrifjuta li jezercita d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu.
[6] A fol. 23 tal-process.

ikabbar dik il-pjanta, jghid li jahseb li kien jaf u li "*La kien jehodli minnha, nahseb li jaf zgur*".[7] L-imputat jghid illi qatt ma ra lil huh jabbuza mill-pjanta jew minn xi droga ohra. Jerga' jghid illi l-pjanta kienet tieghu personali u li kien ser jiehu minnha huwa biss u li qatt ma ta minnha lill-hbieb tieghu, izda meta kienu jmorru ghandu, kien jahbiha.

Jirrizulta ghalhekk mill-provi mressqa, illi l-pjanta in kwistjoni kienet giet imkabbra mill-istess imputat ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u ma ngabet l-ebda prova ohra lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi l-pussess ta' din il-pjanta kien wiehed aggravat. Apparti li l-imputat jinnega li huwa kien jaghti mill-pjanta tieghu lil terzi persuni, inkluz lil huh, ma nstab xejn izjed fil-kamra tal-imputat bhal per ezempju boroz vojta jew xi mizien jew notamenti li jistghu jindikaw li l-pjanta kienet intiza ghall-ispacc lil terzi persuni. Dak li xehed l-Ispettur Jesmond J. Borg fir-rigward ta' dak li stqarr mieghu hu l-imputat, Calum William Thomas Smith, imbaghad, m'huwiex ammissibbli bhala prova fil-konfront tal-imputat odjern u kif inghad izjed 'il fuq, l-istess Calum William Thomas Smith ma xehedx f'dawn il-proceduri. Is-sustanzi misjuba fil-kamra ta' Calum William Thomas Smith lanqas ma gew esebiti. Ghalhekk ma giex ippruvat illi hu l-imputat ha mill-pjanta li kienet tinsab fil-kamra tal-imputat. In oltre l-imputat cahad li huwa kien ta lil huh mill-pjanta tieghu jew li kien jaf li huh kien qed jiehu minn din il-pjanta. Jghid illi huwa qatt ma ra lil huh ipejjep minn din il-pjanta jew jabbuza minn xi droga ohra fil-presenza tieghu u allura fid-dawl ta' dan kollu, anke jekk l-imputat effettivament halla l-pjanta f'post accessibbli ghal huh, ma jistax jinghad sal-grad tal-konvinciment morali illi huwa kien jaf li x'aktarx din kienet ser tittiehed minn huh.[8] Ghalhekk m'hemmx prova fil-grad rikjest mil-ligi illi din il-pjanta ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Il-Qorti qieset ukoll illi mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut[9] jirrizulta illi l-weraq niexef tal-pjanta li huwa nghata mill-Ispettur Jesmond J. Borg fil-15 ta' Settembru 2010, minghajr iz-zkuk u l-gheruq, kellu <u>piz ta' 10 grammi</u>. Fir-rigward tal-pjanti kollha li nstabu kemm fir-residenza ta' Kenneth Micallef, kif ukoll dik tal-imputat odjern (b'kollox ghaxar pjanti), l-istess espert ikkonkluda illi l-pjanti kienu tat-tip *cannabis sativa* u kien hemm ukoll tat-tip *sensemilla*, ghalkemm l-espert ma specifikax liema pjanti kienu ta' liema tip. Huwa kkonkluda wkoll illi fuq il-weraq tal-pjanti kollha nstabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-*cannabis*, li l-pjanti kollha kienu dawk tal-*cannabis* u li din il-pjanta jkun fiha s-

---

[7] A fol. 23 tal-process.

[8] Il-Qorti hawnhekk hadet in konsiderazzjoni l-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marvin Cachia</u>** tas-26 ta' Awwissu 1998.

[9] Esebit a fol. 6 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 8 tal-process.

sustanza *Tetrahydrocannabinol,* kif instab fil-pjanti kollha analizzati. Il-pjanta li nstabet fil-pussess tal-imputat odjern tidher iffotografata fil-faxxikolu fotografiku esebit minn PS 644 Evan Camilleri (ir-ritratti huma mmarkati bhala 10 BZB 164 sa 166).[10]

Il-Qorti qieset ukoll illi minkejja li l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali ma kinitx wahda refrattarja u tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar reat li jmur lura seba' snin qabel il-kaz odjern u dwar liema l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti tqis ukoll illi ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*".

Ghaldaqstant, fil-waqt illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87, mill-banda l-ohra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat, meta jirrizultaw ic-cirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' prigunerija ma tibqax wahda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqieghed lill-hati that Ordni ta' *Probation* jew tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija sospiza.

Issa fil-kaz odjern, jirrizulta kif inghad illi l-pjanta in kwistjoni kienet ghall-uzu personali tal-imputat u li l-piz tal-weraq niexef tal-istess pjanta kien ta' 10 grammi, apparti li fil-pussess tal-imputat instabu wkoll zewg boroz bil-weraq li huwa jghid li hadhom mill-istess pjanta u li skond l-Ispettur Jesmond J. Borg, kellhom piz ta' cirka 3.6 grammi.

Dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 f'dan il-kaz, il-Qorti qieset l-intenzjoni tal-legislatur meta ntroduca din id-disposizzjoni tal-ligi. Fil-fatt fl-istadju tat-tieni qari tal-abbozz tal-ligi in kwistjoni nhar id-9 ta' Dicembru 2014, l-

[10] Ara Dok. KM, a fol. 11 tal-process.

Onor. Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Dr. Owen Bonnici, qal hekk dwar l-istess disposizzjoni:

"Kemm jekk tikkultiva zokk żgħir u kemm jekk tikkultiva siġra, xorta hemm perjodu ta' priġunerija applikabbli, u din kienet inġustizzja kbira. Jekk għandek xi ħadd li għandu pjanta żgħira jrid imur il-ħabs bilfors u wieħed li mela l-bejt irid imur il-ħabs bilfors. Hemmhekk hemm inġustizzja li ma tagħmilx sens. Aħna qed ngħidu li meta qegħdin nitkellmu fuq pjanti tal-*cannabis*, min jipproduċi kwantità żgħira għall-użu personali mhux bilfors imur il-ħabs. Jekk għandi pjanta tal-*cannabis* li qed tipproduċi ammonti żgħar li jidher ovvju li huma għall-pussess tiegħi, f'dak il-każ mhux bilfors li wieħed irid imur il-ħabs, imma jista' jmur il-ħabs u jista' ma jmurx. Inħallu f'idejn il-qrati."

Tenut kont tal-intenzjoni tal-legislatur meta giet introdotta din id-disposizzjoni tal-ligi u tenut kont ukoll illi f'dan il-kaz il-kultivazzjoni tal-pjanta in kwistjoni kienet intiza ghall-uzu personali u esklussiv tal-imputat, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tapplika dan l-artikolu tal-ligi u tezercita d-diskrezzjoni taghha li ma tapplikax piena ta' prigunerija tassattiva.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll illi r-reat ta' kultivazzjoni mertu tal-ewwel imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* u dan ghaliex l-imputat ammetta li huwa ha s-sustanza *cannabis* li nstabet fil-pussess tieghu, kif ukoll is-sustanza li ghamel uzu minnha fil-gimghat ta' qabel, mill-pjanta in kwistjoni. Ghalhekk ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, qeghda tigi applikata l-piena ghar-reat l-izjed gravi u cioe` dak ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi l-process verbal li sar fl-istadju tal-inkjesta u l-hatriet tal-esperti hemmhekk nominati, kienu jirreferu wkoll ghall-kaz iehor u li effettivament il-maggor parti tal-analizi u x-xoghol li sar minn dawn l-esperti kien jirrigwarda kaz iehor u mhux dak tal-imputat odjern. Ghaldaqstant, fir-rigward tar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*, il-Qorti qeghda taddebita s-segwenti spejjez lill-imputat odjern u cioe` l-ispejjez ta' tliet ritratti bil-kulur (€10.47), access (€6.99) u pagna tar-rapport (€0.58), b'kollox ghalhekk is-somma ta' tmintax-il Euro u erba' centezmi (€18.04). Fir-rigward tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, stante li mill-istess rapport jirrizulta li t-total ta' testijiet li saru minnu kien ta' tmintax, qed taddebita lill-imputat odjern frazzjoni ta' wiehed minn tmintax mis-somma totali tal-ispejjez ossia ghalhekk is-somma ta' hmistax-il Euro u sitta u disghin centezmu (€15.96).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' tmien mija u hamsin Euro (€850).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti ossia Dokument JB2 u d-dokument li fir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, gie moghti l-kodici tal-laboratorju 340_10_11, konsistenti f'weraq niexef li kienu pjanta, l-gheruq u z-zkuk tal-pjanta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas parti mill-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz li, kif spjegat izjed 'il fuq u ghar-ragunijiet fuq indikati, jammontaw ghas-somma ta' erbgha u tletin Euro (€34).

Natasha Galea Sciberras
Magistrat